**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 322/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Vella)**

**Vs**

**Joseph Camilleri**

**Illum 8 ta' April 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Joseph Camilleri**, iben John u Frances neè Ghiller, imwieled l-Awstralja fit-28 ta' Jannar 1972 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 434884M, talli nhar l-20 ta' Mejju 2021, għall-ħabta ta' bejn 14:45hrs u 15:15hrs u/jew ħinijiet wara ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, u/jew f'dawn il-Gżejjer:

1. Attakka jew għamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC437 J. Falzon, persuna inkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi minn Awtorità kompetenti, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 96(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi inġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PC437 J. Falzon, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna/i oħra u cioè ħebb u għamel offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC437 J. Falzon skond kif iċċertifika Dr. Ryan Falzon M.D. (Reg.

No. 4320) miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 215, 221(1) u 222(1)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'għajjat jew ġlied, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-Pulizija waqt li kienu qegħdin jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Ukoll talli saq jew ipprova jsuq jew kellu taħt kontroll vettura ta' l-għamla Mercedes u bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ACP-417 li kien fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 15A(1) u 15I(a)(i) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, f'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ff) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) f'każ ta' ħtija tqis lil Joseph Camilleri bħala li sar reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula; (ii) f'każ ta' ħtija, tikkundanna lil Joseph Camilleri għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà ta' PC 437 J. Falzon jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna msemmija minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra Joseph Camilleri skond l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża ai termini ta' l-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) f'każ ta' ħtija tiskwalifika lil Joseph Camilleri milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skond it-termini ta' l-Artikolu 15(4) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "SA1" sa' Dok. "SA6" a fol. 8 sa' 30 tal-proċess, fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta[1];

Rat illi l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[2];

[1] Dok. "SA6" a fol. 30 tal-proċess.

[2] Fol. 7 tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda ta' PS991 Alexander Gauci[3] u ta' Dr. Ryan Falzon[4] mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Ġunju 2021 u x-xhieda ta' PC437 Jurgen Falzon mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Ġunju 2021[5], semgħet ix-xhieda ta' PC321 Joseph Casha[6], ta' PC425 Michael Cilia La Corte[7] u ta' PC735 Tyrone Cassar[8] mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021 u rat CD esebit minn PC321 Joseph Casha markat Dok. "JCX" a fol. 59 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Andy Rotin mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2021[9] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "AR" - Esebit Nru. KA 471/2021[10], semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Stacy Gatt mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2022[11] u x-xhieda ta' l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar[12] mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Settembru 2022[13] u rat ir-Relazzjoni tagħha markat Dok. "MC" a fol. 87 sa' 91 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stephania Calafato Testa, Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2023[14] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "SCT1" u Dok. "SCT2" a fol. 99 sa' 122 tal-proċess u semgħet ix-xhieda ta' Joanna Buhagiar Fiott, in rappreżentanza tad-Drug Offenders Rehabilitation Board, mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ġunju 2024[15];

Rat li b'Digriet datat 9 ta' Frar 2024[16], fuq talba tad-Difiża l-Qorti ordnat li jitħejja Social Inquiry Report fil-konfront ta' l-imputat;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Odelsie Vella Bayliss mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2024[17] u rat is-Social Inquiry Report minnha mħejji fir-rigward ta' l-imputat esebit bħala Dok. "OV" a fol. 179 sa' 210 tal-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar l-20 ta' Mejju 2021, għall-ħabta ta' bejn 14:45hrs u 15:15hrs u/jew ħinijiet wara ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, u/jew

[3] Fol. 41 sa' 44 tal-proċess.

[4] Fol. 45 u 46 tal-proċess.

[5] Fol. 51 sa' 54 tal-proċess.

[6] Fol. 57 u 58 tal-proċess.

[7] Fol. 60 u 61 tal-proċess.

[8] Fol. 62 sa' 64 tal-proċess.

[9] Fol. 67 u 68 tal-proċess.

[10] Fol. 69 tal-proċess.

[11] Fol. 72 sa' 74 tal-proċess.

[12] Nominata b'Digriet mogħti fil-11 ta' Mejju 2022, fol. 81 tal-proċess.

[13] Fol. 85 u 86 tal-proċess.

[14] Fol. 97 u 98 tal-proċess.

[15] Fol. 153 tal-proċess.

[16] Fol. 129 tal-proċess.

[17] Fol. 177 u 178 tal-proċess.

f'dawn il-Gżejjer: (1) Attakka jew għamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC437 J. Falzon, persuna inkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi minn Awtorità kompetenti, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 96(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi inġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PC437 J. Falzon, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna/i oħra u cioè ħebb u għamel offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC437 J. Falzon skond kif iċċertifika Dr. Ryan Falzon M.D. (Reg. No. 4320) miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 215, 221(1) u 222(1)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) U aktar talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'għajjat jew ġlied, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-Pulizija waqt li kienu qegħdin jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (6) Ukoll talli saq jew ipprova jsuq jew kellu taħt kontroll vettura ta' l-għamla Mercedes u bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ACP-417 li kien fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 15A(1) u 15I(a)(i) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta; (7) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, f'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ff) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. In oltre l-Prosekuzzjoni titlob li l-Qorti tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati b'diversi sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi ma jistgħux jiġu mibdula.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**Provi:**

**PS991 Alexander Gauci**[18] xehed illi *nhar l-20 ta' Mejju tas-sena 2021, kont xogħol day u għall-ħabta tat-tlieta u kwart ġejna nfurmati illi fi Triq il-Kbira San Ġużepp ġewwa Santa Venera, fil-viċinanzi tal-knisja parrokkjali, kien qed iseħħ inċident bejn Pulizija u persuna. Mill-informazzjoni li sirna nafu, fuq il-post kien hemm PC437 Jurgen Falzon li hu Pulizija stazzjonat miegħi u dan kien mar fejn il-knisja minħabba il-fatt illi kienu qegħdin jagħtu t-tarmacc u kien hemm konġestjoni ta' traffiku. X'ħin morna fuq il-post sibt lil PC437 li dan kellu xi injuries f'rasu u l-persuna relatata, Joseph Camilleri* - illi huwa għarfu bħala l-imputat f'dawn il-proċeduri - *kien ġie arrestat minn PC425 u PC735 stazzjonati l-*

[18] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Ġunju 2021, fol. 41 sa' 44 tal-proċess.

*RIU. … x'ħin jiġifieri konna telgħin bil-vettura tas-servizz, waqfu magħna u kienu nfurmawni illi kien ġie arrestat minnhom u eskortawh ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun. X'ħin mort fuq il-post innutajt vettura tat-tip Mercedes bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ACP-417, din kienet tinsab miftuħa u fejn is-seat tax-xufier innutajt illi kien hemm fliexken tal-birra (taċ-Cisk u ta' l-Iskol). Ħallejt lil PC321 fixed point mal-vettura minħabba l-fatt illi s-sid ma kienx qiegħed hemm imbagħad inżilt erġajt lura l-Għassa tal-Ħamrun flimkien ma' PC437 Jurgen Falzon. Ġewwa l-Għassa rajt lill-persuna, Joseph Camilleri, jiġifieri x-xufier li dan irriżulta li huwa detentur tal-Karta ta' l-Identità Numru 4344884M u dan bażikament infurmajtu illi kien ġie arrestat minħabba l-fatt li kien ħebb għall-Pulizija. Tajtu d-drittijiet tiegħu, infurmajtu illi jista' jġib avukat ukoll, biss hu qalli li ma kellux għalfejn u offrejtlu d-dikjarazzjoni wkoll, biss għażel li ma jiffirmahiex.*

*Jiena bl-akkadut infurmajt lill-Ispettur Stacy Attard fejn min-naħa tagħha ħarġet struzzjonijiet sabiex nagħmlu t-test tal-breathalyzer lil Joseph Camilleri. Jiena infurmajtu li ġie suġġett għat-test u x'ħin ħriġt l-apparat, il-breathalyzer, għidtlu li dan trid tonfoħ ġo fih kif ukoll infurmajtu illi jekk irid jista' ma jagħmlux. X'ħin ħriġtlu n-nozzle biex jonfoħ infurmajtu illi jrid jonfoħ ammont sew inkella ma jaħdimx u għalkemm ippruvaha darbtejn, fl-aħħar qalli "ma rridx nagħmlu". Jiena infurmajtu illi dan biex jaħdem trid tonfoħ u qalli li ma kienx se jagħmlu. Ħriġt l-irċevuta fejn għidtlu li dan it-test ma sarx u qalli li lanqas l-irċevuta ma jrid. Infurmajt b'kollox lill-Ispettur Stacy Attard, għaddejtilha din l-irċevuta kif ukoll id-dikjarazzjoni tar-rifjut għall-parir legali għalkemm jiġifieri ma ġietx iffirmata, u minn hemm eskortajna lil Joseph Camilleri ġewwa l-Poliklinika.*

*Jiena erġajt mort fuq il-post u nnutajt li kien hemm il-camera tas-sigurtà mal-AIB Insurance Brokers kif ukoll mar-residenza bin-Numru 500, li jiġu eżattament quddiem il-post ta' l-inċident. Minn hemmhekk ġie elevat filmat mir-residenza Numru 500 kif ukoll mill-AIB Insurance Brokers u dawn imbagħad ġew mgħoddija ġewwa t-Taqsima tagħna tal-Forensika. Fil-filmat tar-residenza Numru 500 jidher l-inċident jiġifieri kif seħħ u dan bażikament tieqaf il-vettura ta' Joseph Camilleri u dan kien hemm il-Pulizija qiegħed hekk fil-kantuniera qiegħed jidderiġi t-traffiku. Dan ma ġiex jiġifieri mwaqqaf mill-Pulizija, jidher illi waqaf minn jeddu u x'ħin il-Pulizija mar ikellmu, Joseph Camilleri joħroġ min-naħa tal-passiġġier, mill-bieb jiġifieri, jiftaħ il-bieba u joħroġ minn hemm. … Jiena kif tkellimt ma' PC437, dan lanqas waqqfu fuq kontravvenzjoni. Dan fuq xejn, dan waqaf minn jeddu. … Il-Pulizija kien jinsab quddiem il-bieba tax-xufier u għal xi raġuni ħareġ min-naħa l-oħra. Jidher jiġifieri fil-filmat. Imbagħad minn hemm joħroġ javviċina lill-Pulizija u jaqbad u jibda jxejjirlu bil-ponn. Jidher jiġifieri.* Mistoqsi mill-Qorti jekk huwa rax dak kollu li stqarr dwar l-inċident minn fuq il-filmat, PS991 Alexander Gauci wieġeb *rajtu mela għax imbagħad x'ħin għamilna l-istħarriġ tagħna, jidher fil-filmat. Imbagħad minn hemmhekk għaddejna l-filmat lill-Ispettur Stacy Attard sabiex imbagħad jiġu mgħoddija ġewwa t-taqsima tal-Forensika.* Fir-rigward ta' PC437 Jurgen Falzon, is-Surġent Gauci stqarr li *minn hemm imbagħad baqa' sejjer il-Poliklinika u ppreżenta ċertifikat minn Dr. Ryan Falzon bin-Numru tar-Reġistrazzjoni 4320 miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana. Dan kien ċertifikat li kien qed isofri minn ġrieħi ta' natura ħafifa.*

Is-Surġent Gauci kkonferma li d-dokument esebit a fol. 27 sa' 29 tal-proċess huwa r-rapport dwar dan l-inċident imħejji minnu stess u li dak kollu li xehed dwaru kien jinsab f'dan ir-rapport.

Dak affermat minn PS991 Alexander Gauci ġie kkonfermat minn **PC321 Joseph Casha**[19], illi in oltre ppreżenta wkoll il-filmat ta' l-inċident fuq CD li ġie mmarkat bħala Dok. "JCX" a fol. 59 tal-proċess.

L-**Ispettur Stacy Gatt** (gia Attard)[20] xehdet illi *nhar l-20 ta' Mejju tas-sena 2021, ġejt infurmata minn PS991 illi fi Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, proprju ħdejn il-knisja parrokkjali, għall-ħabta tat-03:15p.m., kien hemm persuna maskili illi kien qed iħebb għall-Pulizija illi kien stazzjonat il-Ħamrun li kien ċertu PC437 Jurgen Falzon fejn kellha wkoll tissejjaħ l-assistenza għall-membri ta' l-RIU fejn fuq il-post marru PC425 u PC735 ta' l-RIU kif ukoll PS991 u PC321 mill-Għassa tal-Ħamrun tad-Distrett, fejn fuq il-post innotaw lil ċertu Joseph Camilleri li kien qiegħed jargumenta ma' PC437 u kellu jiġi arrestat minn fuq il-post għall-ħabta tat-03:30p.m. u ġie eskortat lejn l-Għassa. Il-Pulizija, ġaladarba kienu fuq il-post innotaw vettura ta' l-għamla Mercedes bin-Numru tar-Reġistrazzjoni ACP-417 li kienet qed tinstaq mis-Sur Camilleri fejn fil-vettura ġew innotati fliexken tal-birra vojta fosthom tad-ditta Cisk, Excel u Skol. Fuq il-post is-Surġent kellem lil PC437 fejn dan stqarr illi huwa kien wieqaf bil-vettura tas-servizz ħdejn il-knisja parrokkjali ta' Santa Venera minħabba li kien hemm konġestjoni ta' traffiku jiġifieri waqaf biex imexxi t-traffiku u ftit tal-mumenti wara waqfet vettura ta' l-għamla Mercedes fejn ix-xufier beda jgħajjat li l-Pulizija ma kienx qed jagħmel xogħlu tajjeb u li l-Kuntistabbli beda jagħmel l-arja bl-uniformi. Dak il-ħin, PC437 stqarr li widdbu sabiex jieqaf jgħajjat miegħu dak il-ħin fejn f'daqqa waħda, Camilleri pprova jinżel mill-karozza, PC437 ipprova jwaqqfu milli jinżel billi żamm il-bieba iżda Camilleri xorta rnexxielu joħorġ u f'dak il-mument huwa beda jxejjer bil-ponn fid-direzzjoni ta' PC437, kemm f'wiċċu u anke f'rasu u kien għalhekk illi talab għall-assistenza ta' l-RIU. Fuq il-post, peress illi imbagħad PC437 kellu jittieħed il-klinika tal-Furjana, is-Sur Camilleri kellu jiġi arrestat u jittieħed l-Għassa, fuq il-post tħalla PC321 bħala fixed point mal-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ACP-417. Minn investigazzjoni preliminari rriżulta illi l-persuna maskili kien Joseph Camilleri, detentur tal-Karta ta' l-Identità Numru 434884M, huwa ngħata d-drittijiet legali tiegħu minn PC991 fejn dak il-ħin huwa għażel illi ma jiħux parir legali, però għażel li ma jiffirmax din id-dikjarazzjoni. Jiena dak il-ħin kont l-Għassa, proprju l-Għassa tal-Ħamrun, fejn mort inkellem lil PS991, preżenti kien hemm ukoll is-Sur Camilleri* - illi hija għarfitu bħala l-imputat odjern - *stajt inxomm ir-riħa ta' l-alkoħol dak il-ħin u kien għalhekk illi jiena tajt struzzjonijiet lis-Surġent sabiex isir il-breathalyzer test. Ġie nfurmat diversi drabi illi kien ser jsirlu il-breathalyzer test però baqa' jirrifjuta. Għalkemm kont qed inxomm ir-riħa ta' l-akoħol, huwa kien responsive ħafna mal-Pulizija jiġifieri kien qed iwieġeb għal kull ma jgħidulu però minħabba li stajt inxomm din ir-riħa iddeċidejt li ma nkellmux dakinhar bħala stqarrija u għalhekk kellimtu l-għada, jiġifieri nhar il-21 ta' Mejju tas-sena 2021. Fil-frattemp PC437 ipproduċa*

[19] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021, fol. 57 u 58 tal-proċess.

[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2022, fol. 72 sa' 74 tal-proċess.

*wkoll ċertifikat mediku li rriżulta illi kien qed isofri minn ġrieħi ħfief hekk kif iċċertifikat minn Dr. Ryan Falzon mill-Klinika tal-Furjana. L-għada 21 ta' Mejju tas-sena 2021, jiena ħadt l-istqarrija tas-Sur Camilleri fejn qabel din l-istqarrija, jiena tajtu d-drittijiet kollha bil-liġi, infatti huwa għażel illi jieħu parir legali u kkomunika ma' Dr. Josette Sultana, għażel li ma jweġibx għal ħafna mistoqsijiet illi għamiltlu però meta mistoqsi dwar il-bottijiet tal-birra li nstabu fil-vettura li kien qed jagħmel użu minnha, huwa qal li kienu ilhom hemm madwar xahrejn u meta mistqosi kemm kien ilu jagħmel użu minn din il-vettura għax qalilna illi dik il-vettura kienet għadha mhijiex proprjament f'ismu, huwa qal illi kien ilu biss jagħmel użu minnha madwar ġimgħa. Hu qal illi dakinhar ta' l-inċident, jiġifieri l-ġurnata ta' qabel, kien xorob biss Red Bull. Min-naħa tiegħi jiena ħriġt l-akkużi u tressaq b'arrest.*

L-Ispettur Gatt ikkonfermat li d-dokument markat Dok. "SA3" a fol. 23 sa' 25 tal-proċess huwa l-istqarrija rilaxxata mill-imputat ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun, li d-dokument Dok. "SA4" a fol. 26 tal-proċess huwa ċ-ċertifikat mediku maħruġ minn Dr. Ryan Falzon, ippreżentat lilha minn PC437 Jurgen Falzon u li d-dokument a fol. 27 sa' 29 tal-proċess u a fol. 9 sa' 21 tal-proċess huma r-rapport tal-Pulizija dwar il-każ u l-fedina penali ta' l-imputat, rispettivament.

**PC437 Jurgen Falzon**[21] xehed illi l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ nhar l-20 ta' Mejju 2021 għall-ħabta tat-3:15p.m. Fir-rigward ta' x'kien qed jagħmel hu dakinhar, PC437 iddikjara *jiena ġejt ordnat biex immur nara x'inkwiet hemm għaliex kien hemm triq qiegħda magħluqa. ... Triq il-Brunżar, Santa Venera. Dan kien hemm żball min-naħa tal-Kunsill fejn it-triq kienu qed isiru xi xogħlijiet miż-żewġ naħat allura kien hemm in-nies maqbudin fin-nofs li ma setgħu joħorġu b'xejn. Jiena min-naħa tiegħi rajt li kien hemm triq oħra magħluqa li tiġi one way u għaddejt lil dawn il-karozzi jgħaddu one way għax in-naħa l-oħra kien hemm it-toroq kollha mħarbtin fejn il-karozzi ma segħux jgħaddu. X'ħin għaddejt lil dawn il-karozzi one way, għaddejt jiena quddiemhom u qed isuqu warajja u biex joħorġu għal ġo Triq il-Kbira San Ġużepp, ħadd mhu se jistennihom jiġu minn triq one way allura tfajt il-karozza tas-servizz qed tagħlaq nofs lane bid-dwal mixgħulin u bil-hazards mixgħulin ħalli ma jinħoloqx accident. Sakemm qed noħroġ il-karozzi tieqaf Mercedes griża ACP-417 fejn beda jgħidli kliem bħal "Mur neħħi l-karozza minn hemm. Mhux mingħalik ħa tagħmel li trid għax bl-uniformi". Jiena lil din il-persuna għidtlu "M'għandekx x'taqsam, qiegħed fuq biċċa xogħol. Ibqa' għaddej". Għidtlu li m'għandekx x'taqsam, iktar u iktar, din ma kinitx il-karozza fil-lane tiegħu jiġifieri lanqas biss għalaqt lilu u għidtlu biex jibqa' għaddej. Dort in-naħa u mort fejn it-tieqa tiegħu ħalli nkun nista' nitkellem aħjar għax min-naħa l-oħra ma stajtx nitkellem sew. Beda jerġa' jgħid l-istess kliem "Għaliex bl-uniformi se tagħmel li trid, intom il-Pulizija kollha tagħmlu l-arja" u jiena lil din il-persuna bdejt ngħidlu biex jibqa' għaddej għax m'għandux x'jaqsam imbagħad għidtlu "Mhux ħa tgħid lili kif nagħmel xogħli, dawn tawni struzzjonijiet ta' fuqi jiena x'għandi nagħmel". L-akkużat issa beda jgħidli "Għax jiena għala bieb żobbi" kien il-kliem eżatt u jiena sakemm qed jgħidli hekk qed ngħidlu "Prosit, ibqa' għaddej għax m'għandekx x'taqsam" u qed nerġa' ngħidlu*

[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Ġunju 2021, fol. 51 sa' 54 tal-proċess.

*dan il-kliem. X'ħin qed ngħidlu hekk rajt kontenitur ta' l-alkoħol, kien hemm bottijiet tal-birra ta' l-Excel u ta' l-Iskol żgur u ppruvajt neħodlu ċ-ċavetta tal-karozza x'ħin rajtu qed jiġi naqra aggressiv u xammejt riħa ta' l-akoħol. Għalhekk ippruvajt neħodlu ċ-ċavetta tal-karozza għas-safety tiegħi u għas-safety tan-nies l-oħra fit-triq għax kienet tinxtamm riħa ta' l-alkoħol, qed ikun aggressiv u allura ppruvajt neħodlu ċ-ċavetta biex nevita li jinqala' iktar inkwiet. X'ħin ippruvjat neħodlu ċ-ċavetta hu pprova jinżel mill-karozza u żammejtlu l-bieba billi tfajt idi fuq il-pilastru. Beda jgħidli "Tagħtinix daqqiet mal-karozza" fejn jiena qatt ma tajt daqqiet mal-karozza għax jiena żammejt il-pilastru biss u qabeż is-seat min-naħa l-oħra u niżel għalija. Minn hemmhekk jiena qed nibqa' ngħidlu "Żomm il-bogħod, tiġix lejja, tiġix lejja", dort in-naħa l-oħra biex niġi n-naħa tiegħu, qed ngħidlu "tiġix lejja, żomm il-bogħod" u x'ħin rajtu qed jagħmel il-ponna u ġej lejja, jiena żammejtu hekk b'idejja biex ma jiġix fuqi u wara ftit jerġa' jiġi jibda jxejjer id-daqqiet ta' ponn. … Lili laqatni b'daqqa ta' ponn ġo widnejja. … In-naħa tax-xellug. Beda jgħidli "Għax għamilt 20 sena ħabs u mhux ħa niddejjaq nagħmel 20 sena oħra fuqek, insibek, niġi quddiem il-bieb, ta' din se tpatti żgur" u ħafna iktar kliem ta' theddid ta' din il-manjiera, l-istess kliem beda jiġi ripetut, li mhux se jiddejjaq jagħmel 20 sena ħabs oħra fuqi.*

PC437 Jurgen Falzon żied jgħid illi *l-aggressur baqa' jiġi lejja jipprova jagħti bil-ponn fejn lili laqatni ġo widnejja tax-xellug, li kellhom jiġu n-nies li kienu għaddejjin fit-triq biex jiġu jifirduna. X'ħin firduna u qegħdin il-bogħod minn xulxin, l-aggressur reġa' ġie għalija darbtejn oħra waqt li jiena qed nimxi lura u b'idejja nipprova nżommu l-bogħod. … Imbagħad jiena qbadt il-mobile biex inċempel għall-assistenza, waqt li kien hemm in-nies illi kienu għaddejjin, baqgħu jippruvaw jikkalmawh lilu biex ma jibqax jiġi lejja, fejn reġa' ġie darbtejn oħra imma mbagħad irnexxielhom jikkalmawh.* Mistoqsi jekk lil dan il-persuna li aggredih - illi huwa għarfu bħala l-imputat odjern - kienx jafu minn qabel, PC437 wieġeb *qatt ma ltqajt miegħu qabel, la fil-ħajja personali u lanqas fuq xogħol* u tenna li *hu kien aggressiv ħafna kemm bil-kliem u kemm bl-azzjoni. Jiena ma mortx fuqu jiena l-ewwel u m'għidtlux kliem biex naġitah, anzi jiena mxejt professional kemm jista' jkun ħassejtni. … Jiena min-naħa tiegħi ma tantx inħossni safe naf li naħdem fuq il-Ħamrun u l-Marsa meta l-akkużat qal hu stess li jkun ħafna lejn il-Marsa.*

Il-Kuntistabbli Falzon in fine kkonferma li ċ-ċertifikat mediku esebit a fol. 26 tal-proċess huwa ċ-ċertifikat li ħareġ it-Tabib li nvistah ġewwa l-Polyclinic tal-Furjana.

**Dr. Ryan Falzon**[22] ikkonferma li ċ-ċertifikat mediku esebit a fol. 26 tal-proċess kien ħarġu hu meta eżamina lil Jurgen Falzon, li kien liebes l-uniformi tal-Pulizija, fl-20 ta' Mejju għall-ħabta ta' 4:25p.m. Bħala ġrieħi rriskontralu *barxa ta' madwar nofs ċentimetru fuq nagħsu tan-naħa tax-xellug u kien hemm ħmura madwarha, kellu żewġ barxiet fuq in-naħa tan-nofs tal-parti t'isfel ta' l-id, il-forearm, ta' madwar għaxar ċentimetri u fl-istess post kien hemm oħra superfiċjali li kienet fl-istess area però ta' tliet ċentimetri.*

[22] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Ġunju 2021, fol. 45 u 46 tal-proċess.

**PC425 Michael Cilia La Corte**[23] xehed illi *nhar l-20 ta' Mejju tas-sena 2021 għall-ħabta tat-03:15p.m., jiena kont xogħol overtime basis il-Marsa u l-Ħamrun bil-Patrol Car tagħna mal-partner tiegħi PC735 Tyrone Cassar, fejn għall-ħabta tat-03:15p.m. ġejna kkuntattjati bil-mezz tar-radio tagħna mill-Control Room illi kien hemm xi ħadd qed jaggredixxi Pulizija, persuna pajżana qed taggredixxi Pulizija. Aħna minnufih irrikorrejna fuq il-post ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, quddiem il-knisja parrokkjali ta' Santa Venera fejn kif wasalna fuq il-post rajna lill-imsemmi Pulizija, li rriżulta li kien PC437 Jurgen Falzon, u kien hemm l-imputat ukoll fuq il-post illi qiegħed nagħrfu hawnhekk. Aħna mill-ewwel avviċinajna lill-aggressur fejn magħna jiġifieri fl-ebda ħin ma rreżista l-arrest, tajnieh id-drittijiet tiegħu, infurmajnieh illi kien qiegħed taħt arrest, għamilnielu l-manetti, tfajnieh ġol-karozza u niżżilnieh l-Għassa tal-Ħamrun. Tajnieh handover lil PS991 Alexander Gauci ta' l-Għassa tal-Ħamrun. Innotajna wkoll illi fuq il-persuna, l-aggressur, waqt li beda jkellimna, kellu riħa ta' xorb, t'alkoħol fuqu, u l-Pulizija Jurgen Falzon kellu daqqa fuq in-naħa tax-xellug tiegħu, ħmura f'widnejh u wara widnejh.*

Mistoqsi jekk il-Kuntistabbli Falzon qallux x'kien ġara, PC425 Michael Cilia La Corte wieġeb *ifhimni, aħna moħħna kien iktar dak il-ħin fuq l-aggressur biex inżommu s-sitwazzjoni taħt kontroll però mill-ftit li tkellimna qalilna li kien qiegħed imexxi t-traffic ġo Triq il-Kbira San Ġużepp u dan il-persuna ma bediex jikkollabora miegħu, ħareġ għalih mill-karozza u beda jaggredih.* Tenna però li l-imputat *magħna ma kienx aggressiv però meta beda jitkellem kellu riħa ta' xorb ġo ħalqu. … Meta morna aħna jiġifieri kien jidher aġitat ħafna mhux fil-konfront tagħna, iktar għall-Pulizija l-ieħor.*

Dak affermat minn PC425 Michael Cilia La Corte ġie kkonfermat minn **PC735 Tyrone Cassar**[24], illi żied jgħid illi *ħaġa li nnotajt hija li kellu riħa t'alkoħol meta ġie biex ikellimna u l-persuna kienet aġitata. Wara li tajnieh id-drittijiet, huwa żamm kalm u ħadnieh ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun.* Mistoqsi mill-Qorti jekk fil-konfront tagħhom l-imputat irreżistiex b'xi mod, il-Kuntistabbli Cassar wieġeb *kif għedtlek, kien naqra aġitat il-persuna imma mbagħad wissejnieh li wasalna aħna, ikkalma, tajnieh id-drittijiet, għamilnielu l-manetti u ħadnieh l-Għassa tal-Ħamrun.*

In kontro-eżami PC735 Tyrone Cassar ġie mistoqsi jekk il-ħmura li ra fuq PC437 Jurgen Falzon kienx innutaha hu jew qallux biha l-Kuntistabbli Falzon, u huwa wieġeb *jiena x'ħin wasalt fuq il-post u l-Pulizija uriena min hu l-aggressur, jiena nnotajt li fuq in-naħa tax-xellug tal-Pulizija, wara widnejh hawnhekk f'din il-biċċa, kellu ħmura fuq wiċċu.* Mistoqsi mill-ġdid *jiġifieri mhux xi ħadd qallek, inti qed tgħid li innotajt?* huwa tenna *jiena x' ħin wasalt fuq il-post innotajt li l-Pulizija kellu ħmura fuq widnejh u x'ħin ħarist lejh qalli "Dak huwa l-aggressur li attakkani".*

---

[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021, fol. 60 u 61 tal-proċess.

[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021, fol. 62 sa' 64 tal-proċess.

L-**Ispettur Andy Rotin**[25] esebixxa Evidence Bag bin-Numru L00451371 - Dok. "AR[26] - li fiha ħamest ifliexken tal-birra, liema Evidence Bag ġie mgħoddi lilu mill-Ispettur Stacy Attard.

L-**Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar**[27] ippreżentat u kkonfermat bil-ġurament ir-rapport tagħha li ġie esebit bħala Dok. "MC" a fol. 87 sa' 91 tal-proċess u fir-rigward xehdet illi *jiena ġbart diversi kampjuni nhar l-1 ta' Awwissu tas-sena 2022 mingħand Stefania Scicluna mis-sigrieta tal-Maġistrat Dr. Gabriella Vella. Dawn l-esebiti kienu numru ta' laned tal-marka Cisk u Skol u llum qed nippreżenta r-rapport mill-analiżi ta' DNA li għamilt fuq dawn il-fliexken. ... Il-profil ġenetiku li ħareġ minn dawn il-laned jidher li huwa ta' l-istess persuna.*

**Joanne Buhagiar Fiott**[28], in rappreżentanza tad-Drug Rehabilitation Board, xehdet illi *l-klijenti jidhru quddiem il-Bord, imbagħad jiena nsegwihom għal tmintax-il xahar jew iktar u nara li l-care plan qed iżommuha u nirrapporta lura l-Bord u jekk hemm bżonn lill-Qorti wkoll. Joseph ġie riferut fit-2020 u dam tliet snin magħna u r-raġuni kienet li ġew referuti żewġ każijiet u t-tnejn spiċċaw b'suċċess magħna, ikkopera magħna, l-care plan kien għamilha tajjeb ma' Sedqa, urines clean u l-komunikazzjoni kienet dejjem tajba. Hu spiċċa mill-Bord fit-2023 imma xorta minn żmien għal żmien jagħtini call, jiġifieri naf bejn wieħed u ieħor kif ikun f'dis-sena li għaddiet. ... ġieli nitkellmu fuq ix-xogħol, ġieli nitkellmu fuq is-sitwazzjoni finanzjarja.*

L-**Uffiċjal tal-Probation Odelsie Vella Bayliss**[29] ippreżentat is-Social Inquiry Report imħejji minnha fir-rigward ta' l-imputat u kkonfermat l-istess bil-ġurament. Fl-imsemmi Rapport hija essenzjalment ikkonstatat u kkonkludiet is-segwenti: ***Fatturi identifikati*** *- Joseph Camilleri jinsab akkużat li nhar l-20 ta' Mejju 2021 ġewwa Santa Venera, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza kontra l-persuna ta' PC437 J. Falzon, u nġurja u/jew hedded lil PC437 J. Falzon. Huwa jinsab akkużat ukoll li mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' PC437 J. Falzon filwaqt li kiser il-kwiet u l-bon ordni. Apparti dan, l-imputat huwa akkużat ukoll li naqas milli jobdi l-ordnijiet mogħtija mill-Pulizija, li saq jew prova jsuq vettura f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba li kien fis-sakra f'post pubbliku b'tali mod li ma setax jieħu ħsieb tiegħu nnifsu. Il-Fedina Penali ta' l-ikkonċernat tindika li din mhijiex l-ewwel darba li huwa xellef difru mal-ġustizzja u dan hekk kif jirriżulta li nstab ħati ta' diversi reati kriminali oħra fil-passat. Irid jingħad ukoll li Joseph Camilleri ngħata diversi opportunitajiet mill-Qrati sabiex jibdel l-istil ta' ħajja tiegħu, anke permezz ta' sanzjonijiet fil-komunità imma huwa baqa' jippersisti fil-ħajja kriminali sa' ma wasal biex anke ħa pieni karċerarji. Permezz ta' dan ir-rapport ġie ndikat li Joseph Camilleri mess mal-vizzju tal-logħob ta' l-azzard, xorb u droga. Huwa beda jabbuża mid-droga u l-alkoħol t'età*

[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2021, fol. 67 u 68 tal-proċess.

[26] Esebit Nru. KA 471/2021.

[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Settembru 2022, fol. 85 u 86 tal-proċess.

[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ġunju 2024, fol. 153 tal-proċess.

[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2024, fol. 177 u 178 tal-proċess.

*żgħira u jidher li l-abbuż tad-droga maż-żmien kiber kemm fl-ammont kif ukoll fil-frekwenza. Id-dipendenza fuq id-droga u alkoħol ħolqot instabbilità f'ħajjet l-imsemmi. Barra minn hekk wasslitu biex jinvolvi ruħu mal-ġustizzja kriminali għal diversi drabi. Fl-2004 Joseph beda jsegwi l-programm residenzjali mid-droga fi ħdan il-Komunità Santa Marija, liema programm intemm b'suċċess fl-2005. Illum il-ġurnata Joseph Camilleri jgħid li m'għadu jabbuża mill-ebda sustanza illeċita. Kampjun ta' l-urina li l-imputat ħalla ġewwa d-DPP nhar il-15 ta' Novembru 2024, irriżulta fin-negattiv għall-użu ta' sustanzi illeċiti. Fejn jidħol xorb, jidher li dan il-konsum m'għadux intensiv daqs kemm kien fil-passat. L-imputat jistqarr li ġieli jixrob il-birra fi tmiem il-ġimgħa. Wieħed jifhem l-importanza li Joseph Camilleri jagħraf jikkontrolla lilu nnifsu f'dan il-qasam, b'mod partikolari meta l-akoħol jissemma fl-akkuzi odjerni. F'dan ir-rapport ġie elenkat li mill-aspett ta' familja Joseph Camilleri m'għandux memorji sbieħ wisq tat-tfulija u t-trobbija tiegħu u dan minħabba ommu kienet tbadi mid-dipressjoni. Il-ġenituri ta' l-imsemmi it-tnejn huma deċeduti. L-imputat itenni li l-istat mentali t'ommu affettwa lill-familja kollha. L-imsemmi jammetti li m'ommu qatt ma kellu rapport tajjeb. Joseph Camilleri jistqarr li m'għandux kuntatt eċċellenti ma' ħutu minkejja li mhumiex miġġeldin. Din l-informazzjoni tindika li s-sapport familjari għall-imputat mhuwiex wieħed b'saħħtu wisq. Fejn tidħol is-sitwazzjoni konjugali ta' l-imsemmi, jirriżulta li huwa ssepara minn ma' martu wara 21 sena żwieġ. L-imputat jemmen li l-abbuż tad-droga lagħab rwol importanti f'din is-separazzjoni. Minn dan iż-żwieġ l-imputat kellu tliet ulied bniet, madanakollu l-kuntatt li għandu ma' dawn l-ulied huwa limitat minħabba li huma jirrisjedu barra minn Malta. Illum l-ġurnata, l-imsemmi ilu f'għaxar snin relazzjoni mas-sieħba tiegħu Claudette li hija ħmistax-il sena iżgħar minnu u li flimkien għandhom iben ta' kważi erba' snin u bint ta' sentejn. Apparti dan, Joseph Camilleri addotta lil bint is-sieħba tiegħu, li llum il-ġurnata għandha għoxrin sena. Meta mistoqsi dwar din ir-relazzjoni, l-imsemmi jiddeskriviha bħala waħda stabbli u fil-fatt huwa jgħid li Claudette tissapportjah ħafna. Fejn jidħol impjieg jirriżulta li bħalissa Joseph Camilleri qed jaħdem ma' kumpanija lokali. Huwa ilu sena f'dan l-impjieg. Is-sieħba ta' l-imsemmi riċentament sabet impjieġ ġo ħanut tal-merċa, għaliex ma bediex jirnexxielhom ilaħħqu bil-paga ta' l-imputat biss. Il-fatt li l-imsemmi qiegħed jaħdem fuq bażi full-time jitqies bħala fattur pożittiv, mhux biss għall-fini ta' flus biss imma anke għaliex qed iqatta' ħafna minn ħinu b'mod kostruttiv u strutturat. Fir-rigward ta' saħħet l-imputat jirriżulta li huwa jbati minn pressjoni għolja u kolesterol u jieħu mediċina għal dan. Fejn tidħol is-saħħa mentali, meta kien qiegħed il-ħabs, Joseph Camilleri ngħata pirmli għall-ansjetà mill-psikjatra tal-ħabs. Huwa jtenni li għadu jieħu din il-mediċina sal-ġurnata tal-lum. Itenni li sa' ftit żmien wara li ġie rilaxxat mill-ħabs, Joseph Camilleri baqa' jiġi segwit fil-komuniktà fi ħdan il-Qormi Mental Health Clinic iżda jidher li ma baqgħux jibagħtulu iktar appuntamenti għaliex ma kienx hemm bżonn. Ikun ta' benefiċċju li f'dan l-istadju Joseph Camilleri jerġa' jistabilixxi kuntatt ma' l-imsemmi Mental Health Clinic sabiex ikun segwit, b'mod partikolari fejn tidol il-mediċina li qiegħed jieħu. **Pjan ta' Kura -** L-informazzjoni miġbura f'dan ir-rapport tindika li Joseph Camilleri ħadem fuq diversi fatturi matul is-snin b'mod partikolari l-abbuż tad-droga. Ikun ta' benefiċċju madanakollu li huwa jżomm kuntatt ma' professjonist/a jew terapist/a sabiex ikollu sors ta' sapport u gwida kontinwa fil-ħajja tiegħu, speċjalment ma jsib xi ostakli fil-ħajja tiegħu.*

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

Bl-**ewwel imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli nhar l-20 ta' Mejju 2021, għall-ħabta ta' bejn 14:45hrs u 15:15hrs u/jew ħinijiet wara ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, u/jew f'dawn il-Gżejjer: (1) Attakka jew għamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC437 J. Falzon, persuna inkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi minn Awtorità kompetenti, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 96(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 96 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta kif in vigore fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri kien jipprovdi li: *Kull min jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti, jeħel, meta jinsab ħati - (a) jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn wieħed jew tnejn min-nies, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa' sentejn u għal multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (€4,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000); (b) jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn tlieta min-nies jew aktar, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa' tliet snin u għal multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (€5,000) u mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000).*

Mill-ġurisprudenza nostrali jirriżulta li sabiex jissussisti r-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jeħtieġ li jirriżultaw pruvati tlett elementi essenzjali. Fir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Generoso Sammut**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju 2023, fejn ġie osservat illi: *fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza, liema attakk jew resistenza trid tkun neċessarjament akkompanjata bl-użu tal-forza, vjolenza jew bil-ħebb. Fit-tieni lok ir-reat irid jiġi kommess fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew ta' persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku. U fl-aħħarnett huwa neċessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-uffiċjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa ikun qiegħed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorità kompetenti. Illi kif jgħallem il-Professur Mamo fin-noti tiegħu dwar id-dritt penali: It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistence can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith. ... Therefore, any vioence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Borg** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 1999, ġie osservat illi *biex jissussisti r-reat irid ikun hemm bħala minimu xi forza illeġittima diretta lejn jew eżerċitata fuq il-persuna*

*inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza illeġittima tiġi eżerċitata, irid ikun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalità li jikkaġuna ħsara lill-persuna ta' l-Uffiċjal Pubbliku, żgħira kemm hija żgħira dik il-ħsara, anke jekk bħala fatt u fil-każ konkret ebda ħsara ma' tiġi effettivament ikkaġunata u anke jekk l-aġent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaġuna tali ħsara. Biex ikun hemm dan ir-reat, l-aġent irid ikun mhux biss attakka "il fatto di prendere l'offensiva" jew irreżista "il fatto di prendere la difensiva" lill-Uffiċjal Pubbliku, iżda li tali attakk jew resistenza tkun ġiet magħmula permezz ta' vjolenza jew b'ħebb,* u fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Zahra** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2022, ġie osservat illi *Skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodiċi Kriminali jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku" (l-istess bħalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), iżda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed taġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' xi ordni mogħti skond il-liġi minn xi awtorità kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik użata fl-Artikolu 95(1) - "waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz". Għalkemm jista' jingħad li Bianco kien inkarigat minn servizz pubbliku, din il-Qorti ma tarax kif jista' jingħad li billi jiċċekkja l-biljetti Bianco kien qed "jeżegwixxi l-liġi" jew jeżegwixxi "ordni mogħti skond il-liġi minn xi awtorità kompetenti". Mhux kull min qed iwettaq servizz pubbliku qed jeżegwixxi l-liġi jew ordni mogħti skond il-liġi.*

Mill-provi prodotti l-Qorti ma għandhiex dubju li Jurgen Falzon huwa fil-fatt kuntistabbli tal-Pulizija. Dana l-fatt ġie kkonfermat minn diversi uffiċjali tal-Pulizija oħra, fosthom u b'mod partikolari mill-Ispettur Stacy Gatt u minn PS991 Alexander Gauci, rispettivament Spettur u Surġent fl-Għassa tal-Ħamrun, l-istess Għassa fejn kien stazzjonat il-Kuntisabbli Falzon. Bl-istess mod mill-provi prodotti jirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli li f'ħin minnhom l-imputat fiżikament aggredixxa lil PC437 Jurgen Falzon. Dana mhux biss jirriżulta mix-xhieda ta' l-imsemmi PC437 Jurgen Falzon, xhieda li din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn ma għandhiex temminha u toqgħod fuqha, iżda anke mill-filmat markat Dok. "JCX" esebit a fol. 59 tal-proċess. Madanakollu però, dejjem a bażi tal-provi prodotti, il-Qorti ma tqisx li jirriżulta t-tielet element meħtieġ biex jissussisti r-reat li bih qed jiġi mixli l-imputat bl-ewwel imputazzjoni hekk dedotta kontrih, ossia l-element li l-aggressjoni tiegħu versu PC437 Jurgen Falzon saret filwaqt li l-imsemmi Kuntistabbli kien qiegħed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorità kompetenti.

Dakinhar ta' l-20 ta' Mejju 2021, PC437 Jurgen Falzon intbagħat fi Triq il-Brunżar, Santa Venera, biex jara x'kienet il-problema li nqalgħet hemm, liema problema kienet qed teffettwa t-traffiku. Meta rrikorra fuq il-post sab li kien hemm numru ta' vetturi maqbuda f'dik it-triq u li ma setgħux joħorġu minnha minħabba xi xogħlijiet li kienu qed isiru. Dak il-ħin iddeċieda li kien ser jgħaddi dawn il-vetturi minn triq one way, deċiżjoni li ttieħdet fid-dawl tal-fatt li minħabba xogħlijiet li kienu qed isiru fl-akkwati minn dik it-triq dak iż-żmien ma kienux ġejjin karozzi. Peress illi minn din it-triq one way il-vetturi kienu se joħorġu fi Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, appuntu minn triq fejn l-utenti ta' l-imsemmija triq ma jistennewx li

joħorġu karozzi, PC437 imblokka parti minn Triq il-Kbira San Ġużepp bil-karozza tas-servizz u dderieġa t-traffiku sabiex setgħu joħorġu dawn il-vetturi għal ġo l-imsemmija triq. Dak il-ħin l-imputat, li kien għaddej minn Triq il-Kbira San Ġużepp bil-vettura ta' l-għamla Mercedes bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ACP-417 waqaf u beda jkellem lill-Kuntistabbli Falzon b'mod għal kollox mhux xieraq u barra minn loku. Il-Kuntistabbli resaq lejn it-tieqa tan-naħa tax-xufier tal-vettura li kien fiha l-imputat u beda jgħid lill-istess imputat biex ikompli jsuq u jersaq minn hemm, speċjalment peress illi dak li kien qed jiġri u l-mod kif kien effettwat it-traffiku lilu ma kienx jolqtu b'mod dirett. F'ħin minnhom il-Kuntistabbli Falzon ra diversi kontenituri tal-birra fil-vettura li fiha kien jinsab l-imputat u dak il-ħin u f'dawk iċ-ċirkostanzi huwa ddeċieda li jneħħi ċ-ċavetta tal-vettura mill-ignition biex l-imputat ma jkunx jista' jkompli jsuq u dana kemm għas-sigurtà tiegħu stess kif ukoll tan-nies l-oħra. Kien hawn li l-imputat ħareġ mill-vettura, senjatament min-naħa tal-passiġġier peress illi PC437 kien qed jimblokka n-naħa tax-xufier, u argumenta w aggredixxa lill-imsemmi Kuntistabbli.

Għalkemm il-Qorti ma tistax tlum lil PC437 Jurgen Falzon talli ħa d-deċiżjoni li jimpedixxi lill-imputat milli jkompli jsuq u ċertament ma tistax taċċetta komportament ta' vjolenza da parte ta' l-imputat lejn l-imsemmi Uffiċjal tal-Pulizija, ma tqisx però li f'dak il-ħin PC437 Jurgen Falzon kien qed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorità kompetenti. Huwa ma kellux ordni minn xi awtorità kompetenti biex iwaqqaf jew jarresta lill-imputat - in effetti dak il-ħin ma kienx qed jarrestah. L-arrest ta' l-imputat sar minn PC425 Michael Cilia La Corte u PC735 Tyrone Cassar, li entrambe ddikjaraw li l-imputat ma rreżistiex waqt l-arrest tiegħu. Lanqas jista' jingħad li l-Kuntistabbli Falzon kien qed jesegwixxi xi liġi u dana billi minn eżami tad-dispożizzjonijiet tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta dwar il-Kontrolli fit-Toroq[30] u tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta dwar regolament tat-traffiku, partikolarment l-Artikoli 15A sa' 15G ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta, ma jirriżultax li l-aġir tiegħu kien wieħed minn dawk hemm disposti u previsti.

Għaldaqstant il-Qorti tirribadixxi li t-tielet element meħtieġ għall-fini li jissussisti r-reat previst fl-Artikolu 96 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jirriżultax ippruvat.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ladarba jirriżulta li fil-każ in eżami ma ġewx ippruvati u sodisfatti l-elementi kollha meħtieġa għall-fini li jissussisti r-reat previst fl-Artikolu 96 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Bit-**tieni imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi inġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PC437 J. Falzon, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u bit-**tielet imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli u aktar talli fl-

[30] Artikoli 355 sa' 355D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna/i oħra u cioè ħebb u għamel offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC437 J. Falzon skond kif iċċertifika Dr. Ryan Falzon M.D. (Reg. No. 4320) miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 215, 221(1) u 222(1)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ser tittratta dawn iż-żewġ imputazzjonijiet flimkien stante li ċerta osservazzjonijiet li ser isiru fir-rigward tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat jeffettwaw it-tielet imputazzjoni dedotta kontrih.

L-Artikolu 95 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta kif in vigore fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri kien jipprovdi li *kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew jhedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr ċirkostanzi imsemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt Euro (€800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000).*

Fir-rigward ta' l-elementi meħtieġa sabiex jissussisti r-reat previst fl-Artikolu 95 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Sean Sinclair Pace** deċiża fis-26 ta' Mejju 2016: *l-Artikolu 95 jitkellem dwar l-inġurja, it-theddid jew l-offiża fil-konfront ta' l-uffiċjal pubbliku. Issa din l-inġurja, theddida jew offiża trid issir jew (1) filwaqt illi l-uffiċjal pubbliku jkun qed jagħmel servizz pubbliku (2) jew inkella minħabba li jkun għamel dana s-servizz pubbliku, (3) jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz. Illi l-awturi jagħmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltraġġ fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza imsemmija fil-liġi. Dana billi meta dan l-oltraġġ isir fil-mument illi l-uffiċjal pubbliku ikun qiegħed jagħti is-servizz ma huwiex neċessarju illi l-inġurja, it-theddida jew l-offiża tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qiegħed jeżerċita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tiegħu jgħidu: "Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che le determina è indifferente: la legge vede soltanto il turbamento, l'inġuria fatta all' esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignità: avesse pure quest' inguria una causa determinante estranea alle funzioni il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre". Kuntrarjament fiż-żewġ istanzi l-oħra jrid ikun jiġi ppruvat nexus bejn l-oltraġġ u l-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma jkunx ġie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika.*

L-elementi materjali ta' l-inġurja u/jew it-theddid jistgħu jieħdu kemm il-forma verbali kif ukoll il-forma skritta u anke permezz ta' ġesti jew tpinġija li jkunu magħmula bl-iskop li jnaqqsu l-ġieħ u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti. Fir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Andy Calleja**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' Ġunju 2022, ingħad illi *għal dak li*

*jirrigwarda l-element materjali tar-reat fejn dan si tratta ta' "inġurja" skond il-ġurisprudenza Maltija, dik ipotizzata fl-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali hija tip ta' inġurja speċjali ossia distinta mill-inġurja komuni ta' natura kontravenzjonali. Fl-appell kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Eugenio Hili" deċiż nhar is-26 ta' April 2018 intqal: "Kif ritenut mill-Qrati tagħna fuq medda ta' snin, dan ir-reat huwa wieħed ta' oltraġġ jew inġurja speċjali jew inġurja delitt li huwa differenti mill-hekk imsejħa inġurja komuni jew inġurja kontravvenzjonali u dan kif traċċjat fis-sentenzi Il-Pulizija v. Emmanuele Cassar App. Krim. 12/12/1936; Il-Pulizija v. Frank Attard App. Krim. 29/12/1958; Il-Pulizija v. Emanuel Pace App. Krim. 30/4/1993; Il-Pulizija v. Carmel Farrugia App. Krim. 16/2/1998; Il-Pulizija v. Joseph Fenech App. Krim. 25/2/1999; Il-Pulizija v. Joseph Zahra App. Krim. 9/9/2022; Il-Pulizija v. Josianne Bonello App. Krim. 16/1/2003; Il-Pulizija v. Dr. Alfred Grech App. Krim. 10/9/2007 u Il-Pulizija v. Silvio Buttigieg App. Krim. 16/7/2010. Minn eżami ta' dawn is-sentenzi jokkorri l-konkorrenza ta' ħames elementi. L-allegat kliem jeħtieġ li jkun sar: a) lil wieħed li għandu l-kwalifika ta' uffiċjal pubbliku; b) officio durante vel contemplatione officii; c) de visu; d) li jkun fil-fatt inġurjuż; u e) animo iniuriandi. Illi in kwantu għat-theddid imbagħad, il-Liġi ma tagħtix definizzjoni ta' dak li jkun jikkwalifika bħala tali u jkun għalhekk diskrezzjoni fuq il-ġudikant li jwieżen jekk id-diskors li jkun intqal fiċ-ċirkostanzi tal-każ jammontax għal theddid fuq l-esperjenza tal-ħajja komuni, il-bwon sens u l-eżami tal-fattispecie tal-każ inkluż ir-retroxena li tkun wasslet għat-tlissin ta' dak id-diskors. Fi kliem il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża Hili msemmija iżjed il-fuq: Però l-liġi titkellem dwar "theddid" u tħalliha għall-ġudizzju tal-ġudikant biex jikkalibra kemm diskors jew azzjoni tista' jew le titqies bħala tħeddida, dejjem skond il-fattispeċi ta' kull każ.*

Ma għandux ikun hemm dubju li l-inġurja jew it-theddid irid ikun neċessarjament indirizzat lejn uffiċjal pubbliku jew persuna inkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku. Apparte minnhekk, jeħtieġ jiġi ppruvat ukoll li l-persuna mixlija bit-twettiq ta' tali reat kienet konsapevoli li hija kienet qed tinġurja jew thedded persuna nkarigata mil-Liġi minn servizz pubbliku u dan anki jekk l-uffiċjal pubbliku ma jkunx liebes uniformi fil-waqt ta' l-eżekuzzjoni tal-funzjoni pubblika. Fir-rigward issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jerken Decelis** deċiża fit-30 ta' Settembru 2021, fejn ingħad illi: *huwa neċessarju li jiġi ppruvat li s-suġġett attiv tar-reat kien konsapevoli mill-fatt li huwa kien qiegħed jiġurja u/jew jhedded persuna inkarigata mil-Liġi minn servizz pubbliku u dan anki jekk l-uffiċjal pubbliku ma jkunx liebes uniformi fil-waqt ta' l-eżekuzzjoni tal-funzjoni pubblika. F'dan ir-rigward, il-Professur Mamo jgħid hekk: "This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person". L-istess ġie mistqarr mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawża "Il-Pulizija v. Giuseppe Borg" deċiża nhar it-2 ta' Novembru 1917: Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell' agente, è necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualità ufficiale dell' oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse o no la divisa della sua carica al tempo dell' oltraggio; di guisacché il reato può*

*avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualità ufficiale dell' oltraggiato".*

Kif già iktar 'l fuq osservat, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li Jurgen Falzon huwa uffiċjal tal-Pulizija u *qua* uffiċjal tal-Pulizija huwa inkarigat mil-Liġi biex jagħti servizz pubbliku. Mill-provi prodotti mbagħad irriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli li dakinhar ta' l-20 ta' Mejju 2021 fil-ħin li fih seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, l-imsemmi PC437 kien qed jaqdi d-doveri tiegħu ta' Pulizija hu u jidderieġi it-traffiku għar-raġuni u fiċ-ċirkostanzi già iktar 'l fuq spjegati. Apparte minn hekk, huwa kien liebes l-uniformi u anke kien hemm il-vettura tas-servizz qed tagħlaq parti minn Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, bid-dwal u l-hazzards mixgħulin. Huwa evidenti għalhekk li meta l-imputat waqaf bil-vettura li kien biha dakinhar, ossia Mercedes bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ACP-417, u beda jikkonfronta lill-imsemmi Kuntistabbli tal-Pulizija, huwa kien jaf ben tajjeb li qed jindirizza uffiċjal tal-Pulizija waqt li dan kien fuq xogholu. In verità anke d-diskors li beda jgħid juri biċ-ċar li kien jaf li kien qed jindirizza tali uffiċjal tal-Pulizija.

Minn konsiderazzjoni tad-diskors li l-imputat irrivolġa lejn PC437 Jurgen Falzon, konsisteni dan fi kliem bħal *"Mur neħħi l-karozza minn hemm. Mhux mingħalik ħa tagħmel li trid għax bl-uniformi". ... "Għaliex bl-uniformi se tagħmel li trid, intom il-Pulizija kollha tagħmlu l-arja" ... "Għax jiena għala bieb żobbi" ... "Għax għamilt 20 sena ħabs u mhux ħa niddejjaq nagħmel 20 sena oħra fuqek, insibek, niġi quddiem il-bieb, ta' din se tpatti żgur",* il-Qorti ma għandhiex l-iċken dubju li tali diskors jikkostitwixxi kemm inġurji kif ukoll theddid verso l-imsemmi PC437 waqt li dan kien qed jagħmel xogholu ta' servizz pubbliku u proprio għaliex kien qed jagħmel tali servizz pubbliku.

Il-Prosekuzzjoni però tqis li fil-każ in eżami l-imputat anke kkaġuna offiża lil PC437 Jurgen Falzon, offiża li skond kif dedott fit-tielet imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' l-imputat hija offiża ta' natura ħafifa.

F'dawn ir-rigward il-Qorti hija kemm xejn perplessa mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni in sostenn ta' l-imputazzjoni dwar l-offiża li hija ssostni li ġiet ikkawżata mill-imputat lil PC437 Jurgen Falzon. Filwaqt illi ċ-ċertifikat mediku maħruġ u ikkonfermat minn Dr. Ryan Falzon jgħid li PC437 kellu *circa 0.5cm superficial abrasion on left temple area with surrounding erythema, 2 x superficial abraison on medial side of proximal left forearm - circa 10 cm; 1 x superficial abrasion on medial side of proximal left forearm - circa 3 cm*, mix-xhieda ta' PC437 stess u anke mix-xhieda ta' diversi uffiċjali tal-Pulizija oħra li raw lill-Kuntistabbli Falzon fil-ħin li seħħ l-inċident, jirriżulta li kwalunkwe offiża li huwa seta' sofra a kawża ta' l-aggressjoni da parte ta' l-imputat kienet f'widintu tan-naħa tax-xellug. L-istess PC437 jgħid li *lili laqatni b'daqqa ta' ponn ġo widnejja. ... In-naħa tax-xellug. ... l-aggressur baqa' jiġi lejja jipprova jagħti bil-ponn fejn lili laqatni ġo widnejja tax-xellug, li kellhom jiġu n-nies li kienu għaddejjin fit-triq biex jiġu jifirduna,* u PC425 Michael Cilia La Corte u PC735 Tyrone Cassar entrambe xehdu li l-Kuntistabbli Falzon kellu daqqa fuq in-naħa tax-xellug u kienet tidher ħmura f'widintu u wara widintu

Dawn it-tlett uffiċjali, fejn wieħed minnhom huwa addirittura l-uffiċjal li ġie aggredit mill-imputat, fl-ebda ħin ma jsemmu li PC437 Falzon qala xi daqqiet u/jew kellu ħmura jew marki fuq nagħsu tax-xellug. Bl-istess mod, għalkemm PC437 Jurgen Falzon qal li pprova jilqa' l-aggressjoni ta' l-imputat b'idejh, hu fl-ebda ħin ma qal li kellu feriti f'idejh u ż-żewġ uffiċjali ta' l-RIU PC425 Michael Cilia La Corte u PC735 Tyrone Cassar ukoll ma jsemmux li raw xi ġrieħi oħra fuq PC437.

Għaldaqstant, għalkemm il-Qorti għandha quddiemha prova li l-imputat aggredixxa lil PC437 Jurgen Falzon, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hin minn kull dubju raġonevoli l-ġrieħi eżatti li l-imputat ikkawża lil PC437. Fid-dawl ta' din l-osservazzjoni għandu jsegwi li l-Qorti ma tistax, minħabba appuntu nuqqas ta' provi sal-livell rikjest mil-Liġi, issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Madanakollu però n-nuqqas ta' prova kif meħtieġ mil-Liġi ta' kwalunkwe offiża li l-imputat seta' kkawża lil PC437 Jurgen Falzon, ma jfissirx li l-imputat ma għandux u ma jistax jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Ladarba jirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat inġurja u hedded lil PC437 Jurgen Falzon, il-Qorti xorta waħda għandha tista' u għandha ssibu ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u dana billi kif ingħad mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri**, deċiż fl-4 ta' Frar 2025: *għall-fini ta' sejbien ta' ħtija fit-termini ta' dan l-artikolu* (l-Artikolu 95 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta)*, irid jiġi pruvat li l-akkużat għamel xi waħda mit-tlett azzjonijiet identifikati fl-istess artikolu u cioè li jew ikun insulta, jew hedded jew jkun ikkaġuna offiża fuq il-persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku. Jekk il-Prosekuzzjoni jirnexxielha tipprova xi waħda minn dawn l-azzjonijiet, allura dan jkun suffiċjenti għal sejbien ta' ħtija taħt dan l-artikolu, dejjem jekk ikun hemm l-element intenzjonali rikjest* - element li kif ingħad fil-każ in eżami jirriżulta ppruvat mill-Prosekuzzjoni sal-livell rikjest mil-Liġi.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk il-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu iżda ma għandhiex issibu ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta kontrih.

Bir-**raba' imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli u aktar talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'għajjat jew ġlied, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' din il-kontravvenzjoni partikolari ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Noel Tanti**, pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Mejju 2005, fejn ingħad illi: *kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija v. Alfred Pisani" ir-reat kontemplat fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali javvera ruħu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliża kien jissejjaħ "a breach of the peace". Bħala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew*

*minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumità fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumità ta' proprjetà, kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilità ta' reazzjoni għal dak l-għemil. ... U dik il-Qorti żiedet tgħid li:- "Naturalment huwa kważi impossibbli li wieħed jiddeċiedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull każ għar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet pubbliku. Kif jgħid awtur ieħor Skoċċiż, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tiegħu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):- "Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application". (P.985, para. 41-01). U aktar 'il quddiem l-istess awtur jgħid:- "although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance" (p. 986, para. 41-04).*

Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Claudio Overend**, pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar 2012, fejn ingħad illi *l-kunċett Ingliż ta' "breach of the peace" li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu "Offences Against Public Order" (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk: "... The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell ... Walkins L.J. said: " ... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done" (p. 182)".*

Minn dak li jirriżulta mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, inkluż mill-filmat markat Dok. "JCX" a fol. 59 tal-proċess, jirriżulta pruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat għandu jinstab ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Mill-filmat imsemmi jirriżulta li l-imputat aggredixxa lil PC437 Jurgen Falzon u kellhom jintervjenu xi nies li kien hemm fl-akkwati biex jifirdu lill-imsemmi imputat u PC437, nies li fil-fatt baqgħu hemm biex jaċċertaw ruħhom li l-aggressjoni ma terġax tibda, sakemm ġew l-Uffiċjali ta' l-RIU u arrestaw lill-imputat.

Bil-**ħames imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-Pulizija waqt li kienu qegħdin jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni l-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmel Tonna** deċiża fid-9 ta' Lulju 2009: *illi dejjem ġie ritenut mill-Qrati li ordni leġittimu*

*mogħti mill-Pulizija għandu dejjem jiġi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wieħed jirreklama dwar il-ġustizzja intrinsika ta' dak l-ordni (App. Krim. "Il-Pulizija v. Austin Grech" [6.10.1992]). Ġie wkoll ritenut li ordni jitqies li hu leġittimu għall-finijiet tal-kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) ta' l-artikolu 338 tal-Kodiċi Kriminali, jekk ikun prima facie leġittimu, jiġifieri jkun prima facie regolari fil-kontenut tiegħu u fil-forma li fih ingħata (ara App. Krim. "Il-Pulizija v. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze" [25.6.1997]).*

Il-Qorti tagħmilha ċara li għandha tikkonsidra din l-imputazzjoni limitatament fir-rigward ta' PC437 Jurgen Falzon u kwalunkwe ordni li huwa seta' ta lill-imputat dakinhar ta' l-20 ta' Mejju 2021 u dana billi in kwantu rigwarda l-Uffiċjali ta' l-RIU PC425 Michael Cilia La Corte u PC735 Tyrone Cassar, entrambe ddikjaraw li l-imputat obda l-ordnijiet tagħhom u fil-fatt għaddew għall-arrest tiegħu mingħajr resistenza da parte tiegħu.

In kwantu rigwarda PC437 Jurgen Falzon, dana ordna lill-imputat sabiex jkompli fi trieqtu u jibqa' għaddej meta dan għal ebda raġuni ġustifikata waqaf fi Triq il-Kbira San Ġużepp u beda jinġurjah. Dan l-ordni ngħata iktar minn darba iżda l-imputat flok ma baqa' sejjer fi trieqtu u ħalla lil PC437 jkompli jaqdi d-doveri tiegħu, baqa' hemm u kompla jħaqqaqha mal-Kuntistabbli Falzon u eventwalment anke seħħet l-aggressjoni msemmija iktar 'l fuq. Huwa evidenti għalhekk li l-imputat għandu jinstab ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Bis-**sitt imputazzjoni** u s-**seba' imputazzjoni** dedotti fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli ukoll talli saq jew ipprova jsuq jew kellu taħt kontroll vettura ta' l-għamla Mercedes u bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ACP-417 li kien fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 15A(1) u 15I(a)(i) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta **u** aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, f'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ff) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 15A tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li: *(1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li issuq minħabba xorb jew drogi. (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa.*

Il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat effettivament ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb. Il-provi mressqa minnha fir-rigward jikkonsistu biss f'dikjarazzjoni ta' diversi uffiċjali tal-Pulizija li l-imputat kellu riħa ta' xorb u anke li kien aġitat u li fil-karozza kien hemm diversi kontenituri tal-birra. Tali ċirkostanzi waħdehom però ma jistgħux iwasslu għall-prova sal-grad meħtieġ mil-Liġi li l-imputat kien xurban.

Huwa veru li l-imputat kien aġitat u aggressiv però persuna tista' tkun aġitata u aggressiva anke mingħajr ma tkun fis-sakra. Huwa veru wkoll li fil-karozza kien

hemm diversi kontenituri tal-birra iżda b'daqshekk ma jfissirx li l-imputat neċessarjament xorobhom kollha dakinhar jew addirittura dak il-ħin stess. Huwa veru wkoll li diversi uffiċjali tal-Pulizija stqarrew li l-imputat kellu riħa ta' xorb iżda hawn ukoll ma jfissirx li l-imputat neċessarjament kien fis-sakra. Tant hu hekk li fix-xhieda tagħha l-Ispettur Stacy Gatt qalet li meta rat lill-imputat ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun dakinhar ta' l-20 ta' Mejju 2021, huwa kien responsive u beda jwieġeb kullma kienu qed jgħidulu l-Pulizija. L-imsemmija Spettur għażlet li ma teħodlux stqarrija dakinhar minħabba r-riħa ta' xorb li kellu u mhux għaliex ma kienx jaf x'qed jagħmel. Il-Qorti tosserva wkoll li fil-każ in eżami lanqas ġie provdut riżultat tal-breathalyser.

Hawn issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Debono** deċiża fil-21 ta' Jannar 2016: *Illi l-ġurisprudenza tgħallem li għalkemm ma hemmx neċessarjament ness bejn ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-fatt li l-analiżi tan-nifs (a differenza tat-test tan-nifs) ikun inkomplet jew ma jsirx, madanakollu: "Kif din il-Qorti kellha okkażżjoni tosserva fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Settembru 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francis Pace, biex jiġi deċiż jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapaċità tagħha li ssuq sew [kienet] għal xi ħin imnaqqsa" minħabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wieħed jista' jieħu in konsiderazzjoni provi oħra, cioè apparti mir-risultat o meno ta' l-analiżi magħmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova oħra tista' tinkludi l-komportament u l-kundizzjoni fiżika tas-sewwieq, kif ukoll ir-riżultat tat-test (preliminari) tan-nifs magħmul taħt l-Artikolu 15Ċ. Meta l-liġi titkellem dwar "inkapaċità fiżika jew mentali" qed tirreferi għal inkapaċità li trid teżisti indipendentement mill-istat ta' intossikazzjoni li tkun fiha l-persuna li tintalab tagħti l-kampjun, kif ukoll indipendentement mill-ansjetà dovuta għall-fatt li dik il-persuna tkun involuta f'inċident awtomobilistiku". Dak li kellu jiġi stabbilit allura, skond it-tagħlim ġurisprudenzjali surriferit huwa jekk il-kumpless tal-provi kienux suffiċjenti sabiex iwassal lill-Ewwel Qorti għall-konklużjoni b'saħħitha li l-appellanti kien xurban fil-waqt li kien qiegħed isuq, u li l-istat tiegħu ta' sokor kien tali li affettwa l-mod tas-sewqan tiegħu. Illi din il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi l-provi kienu kemmxejn fjakki sabiex iwasslu għal deċiżjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni dwar ir-reità ta' l-appellanti. Dan għaliex għalkemm huwa minnu illi kemm Baldacchino kif ukoll il-Pulizija xammew riħa ta' xorb fin-nifs ta' l-appellanti, madanakollu fin-nuqqas ta' prova xjentifika li tista' tissosstanzja dawn l-allegazzjonijiet huwa kemmxejn diffiċli jiġi stabbilit jekk l-alkoħol ikkunsmat mill-appellanti kienx tali li jwasslu fi stat ta' intossikazzjoni tant severa li din kellha effett fuq is-sewqan tiegħu.*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tqis li fin-nuqqas ta' provi da parte tal-Prosekuzzjoni dwar l-allegat stat ta' sokor ta' l-imputat, hija ma tistax issib lill-imputat ħati tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

In kwantu rigwarda s-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, din hija ibbażata fuq il-kontravvenzjoni prevista fl-Artikolu 338(ff) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema provvediment tal-Liġi fl-intier tiegħu jipprovdi li: *Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min - … (ff) f'lok pubbliku jew miftuħ*

*għall-pubbliku, jinsab fis-sakra b'mod li ma jkunx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu; jew f'lok pubbliku jew mintuħ għall-pubbliku, ikun jidher biċ-ċar fis-sakra waqt li jkollu l-ħsieb ta' tfal ta' taħt is-seba' snin, jew ta' żwiemel, bgħula jew barrin, jew ta' makni bl-istim jew ta' xi vettura, inkella, waqt li jkun f'dak l-istat, idejjaq in-nies jew jagħmel storbju, jew ikollu fuqu armi tan-nar, jew ma jkunx irid joħroġ minn ħanut tax-xorb, ħanut ta' l-ikel, tverna jew lukanda, jew ifittex li jirkeb f'dgħajsa jew fuq bastiment tal-possiġġieri, jew fuq vettura oħra, jew ma jkunx irid jinżel minn fuq id-dgħajsa, bastiment jew vettura oħra għalkemm jiġi mwissi mill-persuna li jkollha l-ħsieb tagħhom biex ma jirkibx fuq id-dgħajsa, bastiment jew vettura oħra, jew biex jinżel minn fuqhom.*

Fil-każ in eżami l-Prosekuzzjoni tillimita ruħħa għall-ewwel parti ta' l-imsemmi provvediment tal-Liġi iżda l-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li diffiċilment tista' issib lill-imputat ħati ta' l-istess meta l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat effettivament kien fi stat ta' sakra tali li ma setgħax jieħu ħsieb tiegħu nnifsu. Apparte minnhekk, mill-filmat esebit bħala Dok. "JCX" a fol. 59 tal-proċess, għalkemm l-imputat jidher aġitat u rribjat ħafna, ma jidhirx li ma setgħax jieħu ħsieb tiegħu nnifsu, anzi baqa' fuq saqajh it-tul kollu tad-diverbju ma' PC437 Jurgen Falzon - ossia minn x'ħin ħareġ mill-karozza - sakemm ġew l-Uffiċjali ta' l-RIU fuq il-post. Hawn il-Qorti ttenni li l-Ispettur Stacy Gatt iddikjarat li meta rat lill-imputat ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun dakinhar ta' l-20 ta' Mejju 2021, l-istess imputat kien jidher responsive u wieġeb għall-mistoqsijiet tal-Pulizija.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis li fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi u minħabba nuqqas ta' prova sal-grad rikjest mil-Liġi da parte tal-Prosekuzzjoni dwar l-allegat stat ta' sokor ta' l-imputat, l-istess imputat ma jistax jinstab ħati tas-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Il-Prosekuzzjoni tressaq fil-konfront ta' l-imputat l-**addebitu tar-reċidiva ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Dwar il-prova meħtieġ fir-rigward ta' l-addebitu tar-reċidiva, issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jason James Agius** deċiża fil-5 ta' Novembru 2001: *bħal ma dejjem ġie ritenut, l-aħjar prova sabiex tiġi ppruvata xi akkuża bħal dawn in kwistjoni hi li tiġi esebita kopja uffiċjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identità ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni mogħtija mill-akkuzat li tipproduċi prova ta' l-identità. Jekk ma tiġix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja uffiċjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuża, allura wieħed ma jistax jgħid li saret l-aħjar prova dwar jekk verament preċedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat ieħor li tiegħu ġie misjub ħati…"*, **u** għal dak osservat, dejjem mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Zahra** deċiża fl-24 ta' Frar 2003: *Għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti; tali prova issir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi preċedenti kif ukoll billi jiġi*

*ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn eżami ta' l-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jagħtu l-konnotati meħtieġa tal-persuna ikkundannata) jew minn eżami ta' l-atti tal-kawża ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi preċedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu għall-persuna li tkun qed tiġi akkużata bir-reċidiva.*

Fil-każ in eżami l-Prosekuzzjoni ma ppreżentat l-ebda sentenza mogħtija fil-konfront ta' l-imputat in sostenn ta' l-addebitu tar-reċidiva. Kull ma ġie preżentat fl-atti hija l-Fedina Penali ta' l-imputat, liema fedina però ma hijiex prova biżżejjed għall-finijiet tar-reċidiva.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti ma tistax issib li l-imputat huwa reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u per konsegwenza ma tistax tittratta miegħu bħala tali.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati u ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li r-raba' u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat huma assorbiti fit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Apparte minnhekk, ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li għalkemm illum l-Artikolu 95 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie emendat jew aħjar sostitwit in forza ta' l-Att IV ta' l-2025, fejn il-piena għar-reat, partikolarment in kwantu jirrigwarda l-multa li għandha tiġi imposta fuq min jinstab ħati ta' tali, zdiedet, fil-każ in eżami japplika dak dispost fl-Artikolu 27 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u cioè li *jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunx xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.* Dan ifisser għalhekk li għall-fini ta' piena in kwantu rigwarda t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat għandu jiġi applikat l-Artikolu 95 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta kif in vigore qabel ma ġie sostitwit bl-imsemmi Att IV ta' l-2025.

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll is-segwenti għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-imputat.

Fil-każ in eżami ġiet nominata Espert tad-DNA, Dr. Marisa Cassar, fuq talba tal-Prosekuzzjoni. It-talba kienet sabiex jinħatar Espert tad-DNA għall-fini li joħroġ profil ġenetiku minn fuq il-kontenituri tal-birra li nstabu fil-vettura li kien fiha l-imputat u li ġew esebiti bħala Dok. "AR" - Esebit Nru. KA 471/2021, u imbagħad dan il-profil jiġi ikkumparat mal-profil ġenetiku ta' l-imputat. Għalkemm l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar espletat l-ewwel parti ta' l-inkarigu tagħha, minn liema jirriżulta li minn fuq il-kontenituri ħareġ profil ġenetiku li jista' jkun ta' l-istess persuna, l-eżami ta' komparazzjoni mal-profil ġenetiku ta' l-imputat ma sarx. Meta l-Espert tad-DNA tat ix-xhieda tagħha u ppreżentat l-ewwel Relazzjoni tagħha, ossia fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2022, l-imputat ma kienx deher għas-seduta u allura ma setax jittieħed kampjun tad-DNA tiegħu dakinhar. Il-Prosekuzzjoni

naqset milli titlob lill-Espert tad-DNA terġa' tidher għal xi seduta/seduti sussegwenti sabiex jiġi prelevat kampjun tad-DNA ta' l-imputat, u addirittura għaddiet biex tagħlaq il-provi tagħha mingħajr ma' l-Espert tad-DNA kienet espletat l-inkarigu tagħha fl-intier tiegħu. Minn dan jirriżulta għalhekk li l-analiżi li saret mill-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar ma hijiex waħda kompluta u sfortunatament ma hija ta' ebda valur għal dawn il-proċeduri. Konsegwentement għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat ma għandux ikun kostrett ibagħti l-ispejjeż marbuta man-nomina ta' l-imsemmija Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar.

**Decide:**

Għaldaqastant il-Qorti filwaqt li mhux qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tielet, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnhom u filwaqt ukoll li mhux qed issib li l-imputat huwa reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 95, 338(dd) u (ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati tat-tieni, tar-raba' u tal-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' sitt (6) xhur priġunerija u għall-multa ta' elf Euro (€1,000), **iżda**, peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-<u>piena karċerarja</u> hawn imposta fuq l-imputat, b'mod partikolari l-fatt li l-imputat illum qed jgħix ħajja stabbli l-bogħod mill-vizzji, speċjalment il-vizzju tad-droga, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' sitt (6) xhur priġunerija hawn impost fuq l-imputat għall-perijodu ta' tlett snin (3) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 14(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-multa ta' €1,000 hawn imposta fuq l-imputat titħallas minnu permezz ta' għaxar pagamenti mensili konsekuttivi ta' mitt Euro (€100) il-wieħed, bl-ewwel pagament jagħlaq u jsir dovut fit-30 ta' April 2025 u r-rimanenti pagamenti mensili jiġu effettwati fit-30 ġurnata ta' kull xahar sussegwenti u konsekuttiv sal-ħlas intier tal-multa ta' €1,000.

Kemm-il darba l-imputat jonqos milli jħallas imqar pagament mensili wieħed, huwa jiddekadi mill-benefiċċju tat-terminu u l-ammont sħiħ ta' €1,000 jew kwalunkwe bilanċ dovut minnu jsir dovut u pagabbli minnufih u fin-nuqqas ta' ħlas id-dispożizzjonijiet kollha tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħoddu għall-kundanna ta' multa u għall-arrest u priġunerija jekk ma jsirx il-ħlas tal-multa, jkunu applikabbli fil-konfront tiegħu.

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex izzomm il-bon ordni pubbliku ma' PC437 Jurgen Falzon, qed torbot lill-imputat

b'obbligazzjoni tiegħu innfisu taħt penali ta' mitjen Euro (€200) għall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri millum. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imsemmi imputat qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha. Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kiser il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' mitejn Euro (€200) li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Peress illi mis-Social Inquiry Report imħejji fil-konfront ta' l-imputat jirriżulta li huwa għandu bżonn ikun segwit minn professjonisti, anke peress illi qed jieħu medikazzjoni għall-ansjetà mingħajr reviews regolari, il-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data tad-Digriet għall-Ħruġ ta' Ordni ta' Trattament u skond il-kondizzjonijiet elenkati f'dak id-Digriet, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma' xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Għar-raġunijiet mogħtija f'din is-sentenza l-Qorti tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni ibbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u peress li l-imputat mhux qed jinstab ħati tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 15(4) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**